Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 927/2007/1AE

**Carmelo Grima [I.D.572543M] bhala mandatarju tal-assenti ibnu Carmelo Grima [I.D.607082M] u b'digriet tal-5 ta' Frar 2013, Carmelo Grima [I.D.607082M] assuma l-atti f'ismu proprju**

**vs**

**Alfred Calamatta**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru 2015.

Il-Qorti,

Permezz ta' avviz prezentat fil-21 ta' Dicembru 2007, l-attur nomine talab il-hlas ta' €1,116.16 bhala kera ghall-garaxx numr 5, Vienna Flats, Triq il-Bufula, San Gwann.

Il-konvenut wiegeb li:-

1. L-attur irid jipprova li gie awtorizzat jidher ghall-assenti ibnu Carmelo Grima u jrid jipprova li ibnu hu assenti.
2. Mhux veru li l-attur ma nghatax lura l-garaxx u lanqas mhu veru li l-attur baqa' jaghmel uzu mill-gara wara li l-kirja spiccat.
3. Ukoll jekk il-konvenut baqa' jokkupa l-fond bla titolu ghal xi zmien, il-pretensjoni ghall-hlas tal-kera ghandha tigi michuda ghaliex il-kirja skadiet fil-21 ta' Marzu 2006.

Rat is-sentenza ippronunzjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar moghtija fis-17 ta' Frar 2012, fejn gie deciz illi:-

*"Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, u b'hekk jichad it-talba attrici. L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.".*

It-Tribunal qal li:-

1. Mill-provi ma rrizultax li l-attur kien imsiefer meta giet prezentata l-kawza. Skond l-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili, mandatarju ma jistax joqghod f'kawza fl-isem tal-mandant, meta l-mandant ma jkunx nieqes mill-gzira li fiha l-kawza ghandha ssir. Ghalhekk Carmelo Grima ma setax jipproccedi kontra l-konvenut, peress li ibnu ma kienx effettivament assenti minn Malta.
2. Mill-provi rrizulta li l-kirja skadiet fil-21 ta' Marzu 2006. It-talba ghall-kera saret hazin ghaliex il-kirja kienet diga' giet terminata. Ghalhekk m'hemmx htiega li t-

Tribunal jidhol fil-meritu sabiex jigi determinat jekk effettivament il-konvenut kienx baqa' jokkupa l-garaxx.

Illi minn din is-sentenza appella l-attur Grima u ressaq erba' aggravji:-

1. It-Tribunal iddecieda hazin meta laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ddecieda li l-attur nomine ma setax jipprocedi kontra l-konvenut ghan-nom tat-tifel tieghu peress li dan ma kienx effettivament nieqes minn Malta u dan ghaliex it-tifel tal-attur nomine u cioe' l-appellant meta giet intavolata l-kawza kien assenti minn Malta u precizament kien fl-Awstralja;
2. L-appellanti ghandu kull dritt jitlob hlas ta' kera ghal min ikun qed jokkupa proprjeta' tieghu;
3. L-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-provi;
4. L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-appellat ghaliex kien hu li baqa' jokkupa l-garaxx.

L-appellant talab lill-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal tas-17 ta' Frar 2012 u dana billi tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Fir-risposta tieghu (fol. 10), il-konvenut issolleva preliminarjament l-irritwalita' u n-nullita' tal-appell u sobordinament irribatta l-argumenti li kienu ressqu l-appellanti fl-aggravji taghhom.

Il-Qorti rat l-atti kollha inkluz it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 (fol. 30).

**<u>Preliminari.</u>**

1. Il-konvenut isostni li l-appell hu null ghaliex l-appellant ma segwiex il-procedura a tenur tal-Artikolu 810A tal-Kap 12 dwar l-assunzjoni tal-atti f'kawza[1].

Il-Qorti tinnota li fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 2012[2], l-appellant Carmelo Grima (KI 607082M – minn issa 'l quddiem imsejjah **"l-iben"**) attenda ghas-seduta quddiem il-Qorti u pprezenta Nota datata 29 ta' Mejju 2012[3] u ddikjara li qieghed jassumi l-atti tal-kawza minflok Carmelo Grima (KI 1572543M – minn issa 'l quddiem imsejjah **"il-missier"**) peress li kien jinsab Malta.

Sussegwentement fl-4 ta' Frar 2013[4] l-attur ipprezenta rikors fejn talab lill-Qorti tordna l-legittimazzjoni tal-atti sabiex minflok il-kliem "Carmelo Grima (KI 1572543M) bhala mandatarju tal-assenti ibnu Carmelo Grima (KI 607082M)" jidhlu l-kliem "Carmelo Grima KI 607082M". B'digriet tal-5 ta' Frar 2013 il-qorti laqghet it-talba (fol. 27).

---

[1] Fol.13.

[2] Verbal a fol 21.

[3] Fol. 23.

[4] Fol. 26.

Ghalhekk din l-eccezzjoni giet sorvolata.

2. Il-qorti tosserva:-

i. Kif konfermat mill-gurisprudenza *"l-Att numru V tal-1995 li waqqaf it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta' informalita' u regoli procedurali tant li espressament jistipula li ebda proceddiment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita' sakemm wiehed ikun mexa kemm jista' jkun mal-Att jew mar-regoli maghmula tahtu (Art 9, subinciz 3)"*[5].

ii. Il-gurisprudenza tkompli tghallem li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar lanqas ma hu marbut mal-kawzali kif ikunu dedotti fl-Avviz tat-Talba izda jekk mill-atti processwali jirrizulta xi jedd iehor li jkun misthoqq lill-attur, allura t-Tribunal ghandu l-fakulta' li jiddeciedi dwaru.

**<u>L-Ewwel Aggravju tal-appellant.</u>**

L-appellant jargumenta li -

*i. It-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li Carmelo Grima (l-iben) ma kienx nieqes minn Malta ghax ta nterpretazzjoni zbaljata tal-parti tax-xhieda tal-missier quddiem it-Tribunal*[6]*.*

Carmelo Grima (l-missier) xehed li *"<u>meta giet biex tiskadi l-kirja</u> t-tifel tieghu kien qieghed jaghmel it-tezi l-Universita' u talabni sabiex nikkuntattja lil Alfred Calamatta u nitolbu c-cwievet lura".* Ir-riferenza allura kienet qed issir ghall-perjodu vicin l-iskadenza tal-kirja, *ergo* Marzu 2006 u mhux kif indika t-Tribunal ghall-perjodu meta ipprezenta l-kawza f'Dicembru 2007.

*ii. Fil-mument tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba (21 ta' Dicembru 2007) huwa kien assenti minn Malta ghax kien imsiefer l-Awstralja u kien ghalhekk li xi xhur qabel (14 t'Awissu 2007) huwa ghamel prokura generali lil missieru.*

L-ewwel darba li saret din id-dikjarazzjoni kien fir-rikors tal-appell. Dwar il-presenza jew l-assenza tal-iben f'Malta meta giet prezentata l-kawza (21 ta' Dicembru 2007), m'hemmx prova. Kull m'hemm hi dikjarazzjoni fl-avviz tat-talba li l-iben hu assenti minn Malta.

Mill-atti rrizulta li l-missier ipprezenta kopja tal-prokura generali li tah ibnu u datata 14 ta' Awissu 2007 (fol. 19). Klawzola 5 tal-prokura tipprovdi li l-mandatarju hu awtorizzat:

*"To stand in judgement, either as plaintiff or defendant in my name, with all the powers enumerated in article 1865 of the Civil Code (Chapter 16) Revised Edition of the Laws of Malta)".*

---

[5] **Emmanuel Caruana noe vs Elaine Cachia**, Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru 1996.

[6] A fol 13.

L-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili jipprovdi li:-

*"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa,* ***meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir****……".*

M'hemmx prova li meta giet prezentata l-kawza, l-iben kien prezenti f'Malta. Ma tezistix xi presunzjoni generali li persuna hi prezenti f'Malta. Inoltre, fl-avviz tat-talba hemm dikjarazzjoni tal-missier li ibnu hu assenti minn Malta. 'Il fatt li ma tressqitx prova li tikkonferma li l-iben kien assenti, b'daqshekk ma jfissirx li kien prezenti f'Malta. Gialadarba m'hemmx prova li l-iben kien prezenti f'Malta, it-Tribunal ma kellux ragun jghid li b'applikazzjoni tal-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili l-missier ma kellux jedd jipprocedi, ghan-nom ta' ibnu, kontra l-konvenut. Inoltre, kieku ried il-konvenut kellu kull opportunita' li jaghmel domandi lill-mandatarju dwar fejn kien jinsab ibnu.

Dan apparti li:-

- dak li t-Tribunal irrefera ghaliha bhala l-ewwel eccezzjoni (fol. 5), fir-realta' m'hijiex eccezzjoni in kwantu l-konvenut semplicement stieden lill-mandatarju sabiex jaghti prova li hu awtorizzat jidher ghal ibnu u ddikjara li jrid jaghti prova li ibnu hu assenti minn Malta. Ma nghatat l-ebda eccezzjoni ta' illegittimita' tal-attur minhabba li ibnu kien prezenti f'Malta.
- fl-istadju tal-appell il-mandant deher u assuma l-atti tal-kawza.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

Skond l-iskrittura ta' lokazzjoni (fol. 17), il-kirja tal-garaxx kien ghall-perjodu mit-22 ta' Marzu 2001 sal-21 ta' Marzu 2006. L-attur qieghed jippretendi l-hlas tal-kera mit-22 ta' Marzu 2006 sal-24 ta' Ottubru 2007[7]. Il-kera kienet ta' Lm700 tithallas kull sena bil-quddiem.

Skond l-Artikolu 1566 tal-Kodici Civili, meta jaghlaq iz-zmien miftiehem espressament, il-kirja tispicca *ipso jure*. Dan ifisser li mit-22 ta' Marzu 2006 is-sid ma kellux jedd jitlob iktar kera. Pero' dan 'il fatt wahdu ma kellux iwassal lit-Tribunal biex jilqa' t-tieni eccezzjoni u jichad it-talba tal-attur. Ma kien hemm xejn milli jzomm lit-Tribunal li jiddeciedi fuq kawzali li ma kinitx tissemma fl-avviz tat-talba. F'dan il-kuntest hu rilevanti l-Artikolu 213 tal-Kap. 12 u wkoll sentenza ta' din il-qorti [8] fil-kawza **GasanMamo Insurance Agency Ltd vs Joseph Zammit** tal-10 ta' Ottubru 2005: *"huwa manifest mid-dispost ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att V ta' l-1995 illi t-Tribunal mhux marbut bl-osservanza tal-formalita ` u allura lanqas ma hu marbut bil-kawzali ta' l-avviz. Dan wara kollox hu hekk anke fil-kaz tal-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sedi inferjuri. Ara Artikolu 213, Kapitolu 12".* 'Il fatt li fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-attur ma talabx korrezzjoni ta' dak li jinghad fl-avviz tat-talba ma jfissirx li dan l-insenjament ma

[7] Data meta nghatat lura c-cavetta tal-garaxx. Ara Dok. CG8 a fol. 28.

[8] Imhallef P. Sciberras.

japplikax ghall-kaz in ezami[9].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-17 ta' Frar 2012 u:**

   **i)b'riferenza ghall-ewwel paragrafu tat-twegiba tal-konvenut tiddikjara li hemm prova li l-attur nomine kien debitament awtorizzat minn ibnu sabiex jidher ghan-nom tieghu u li m'hemmx prova li meta giet prezentata l-kawza iben l-attur nomine kien prezenti f'Malta. Inoltre, 'l fatt li l-attur nomine ma ressaqx prova li ibnu kien assenti minn Malta ma jfissirx li kien prezenti f'Malta.**
   **ii) tichad it-tieni eccezzjoni.**

2. **B'riferenza ghall-kumplament, b'applikazzjoni tal-Artikolu 8(4) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) din il-qorti ser tiddeciedi wkoll dwar il-kumplament, b'dan li hi tal-fehma li l-partijiet ghandhom jinghataw l-opportunita' li jaghmlu sottomissjonijiet verbali quddiem din il-qorti gialadarba dawk li saru s'issa kienu jitrattaw dak li gie deciz fis-sentenza tat-Tribunal.**

**Spejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut**.

**Anthony Ellul**
**Imhallef.**

[9] Kif argumenta l-appellat fit-twegiba.